SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2020**

| Marka totali |
| --- |
| ______ 20 |

| **Ir-raba' sena** | **Malti Il-Fehim mis-Smigħ** | **Ħin: tletin minuta** |
| --- | --- | --- |
| | **Karta tal-istudenti** | |

**Isem:__________________________**

**Gwida**

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser naqralek test minn storja. Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tismagħni naqralek. L-istorja, flimkien mal-eżerċizzji, se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek.

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A, Taħriġ B u Taħriġ Ċ.

--------------- Waqfa ta' 25 sekonda ---------------

Issa se tinqara l-istorja. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha.**

1. In-nies li jkunu egoisti:

    a) jgħinu lill-oħrajn.

    b) jġibu l-iskużi biex ma jgħinux lil oħrajn.

    ċ) jgħinu lill-oħrajn malajr.

2. a) Ir-re tal-Indja

    b) Ir-reġina tal-Indja

    ċ) Il-prinċep tal-Indja

   kien imxebba' min-nies tiegħu.

3. In-nies stennew li l-gvern:

    a) jagħmlilhom ħafna festi.

    b) jagħtihom ix-xogħol.

    ċ) jagħmlilhom kollox hu.

4. Ġebla kbira tpoġġiet:

    a) fil-ġenb tat-triq.

    b) f'nofs it-triq.

    ċ) f'nofs il-pjazza.

5. Raġel bil-karettun kellu lil:

    a) kuġinuh.

    b) ħuh.

    ċ) wieħed barrani.

6. Għadda suldat u gerger għaliex:

a) xi ħadd poġġa l-ġebla fin-nofs.

b) nies għażżenin ma neħħewhiex.

ċ) iż-żiemel barax siequ.

7. Wieħed bir-rota qal li:

a) jneħħiha fi triqtu lura.

b) ma jrid ineħħiha b'xejn.

ċ) l-ewwel irid iħammeġ idejh.

8. Il-gabillott talab l-għajnuna ta':

a) skrivan.

b) maġġur tal-pulizija.

ċ) surmast tal-iskola.

9. Il-gabillott neħħa l-ġebla billi:

a) refagħha.

b) rrumblaha.

ċ) mbuttaha.

10. Il-gabillott ġie ppremjat:

a) b'borża flus.

b) b'borża ġewż.

ċ) b'borża karawett.

**Taħriġ B. Imla l-vojt b'Veru jew Falz.**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Ir-raġel tar-rota warrab il-ġebla. | | |
| 2. Ir-re ried jagħti lill-poplu tagħlima. | | |
| 3. Il-gabillott kellu xkora tad-dqiq. | | |
| 4. Iż-żiemel tas-suldat kiser siequ. | | |
| 5. Ir-raġel fuq ir-rota kien sejjer it-teatrin. | | |
| 6. Ir-rigal ta' taħt il-ġebla kien mingħand ir-reġina. | | |

**Taħriġ Ċ. Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

1. Il-gabillott ħassu ___________________ ħafna xħin sab il-borża.

2. Ħafna nies ukoll bdew ___________________ l-affarijiet min-nofs.

3. In-nies tgħallmu _____________________ lill-oħrajn.

4. Meta ____________________tħoss sodisfazzjon li għent lil xi ħadd.

**TMIEM IL-KARTA**

SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2020**

Marka totali

______

60

| Ir-raba' sena | MALTI QARI U KITBA<br>Karta tal-istudenti | Ħin: siegħa u kwart |
|---|---|---|

**Isem:___________________________** **Klassi:___________**

| Il-Marki | |
|---|---|
| **Il-Fehem mill-Qari** | **Il-Kitba** |
| ______________________________ | ______________________________ |
| **30 marka** | **30 marka** |

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u **l-klassi**.
- Qabel tikteb **it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija**.
- Jekk ma tkunx taf xi **tweġiba ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar**.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

## TAQSIMA A: - Il-FEHIM MILL-QARI

**A. Aqra sew din is-silta.** ( 20 marka)

## Ir-rigali



Fl-aħħar kienet waslet il-ġurnata li John kien ilu tant jistenna! Illum John jagħlaq għaxar snin. Kellu eċitament kbir fuqu għax il-mamà u l-papà kienu ser jixtrulu rota. Kien ilu jixtieq li jkollu waħda u fl-aħħar kien ser jaqta' xewqtu. Issa kien jonqos ir-rigali tan-nanna Karm u z-zija Doris. Min jaf x'kienu ser jagħtuh? ***(paragrafu 1)***

Hekk kif daqqu s-sebgħa ta' filgħodu, John qam jiġri minn ġos-sodda u ġera lejn il-kċina. Il-papa' kien qiegħed jaqra l-gazzetta. "Bonġu John, awguri f'għeluq sninek. Dan x'kien qomt daqshekk kmieni, mela nsejt li llum il-Ħadd?" qallu l-papà. "Bonġu Pa, qomt kmieni biex illum immorru għand in-nanna Karm qabel il-quddiesa għax għandi kurżità kbira biex nara xi xtrawli n-nanna u z-zija," wieġbu John. Il-papà tbissem u kompla jaqra l-gazzetta. ***(paragrafu 2)***

Lanqas laħaq rifes l-għatba tal-bieb ta' barra li ma kinitx diġà mlietu kollu bews in-nanna Karm. "Awguri," qalulu flimkien in-nanna Karm u z-zija Doris, filwaqt li tawh ir-rigali li kienu xtrawlu. John beda jiftaħ ir-rigal taz-zija Doris. "Grazzi zi," qal John b'nofs qalb, filwaqt li qabad jiftaħ ir-rigal tan-nanna Karm. "Grazzi nann tar-rigal," reġa' qal John. "Jaqaw m'għoġbukx ir-rigali tagħna?" staqsietu z-zija Doris. John kien dendel geddum sal-art. "Xtaqt li qlajt xi ħaġa oħra minflok ħwejjeġ. Aħjar ma tajtuni xejn!" kien pront wieġeb John irrabjat.
***(paragrafu 3)***

"John, skuża ruħek man-nanna u z-zija," qaltlu b'leħen għoli l-mamà. Il-papà xejn ma deher kuntent bl-imġieba ta' ibnu. "Imissek tħossok iffortunat li f'għeluq sninek għandek min jiftakar fik. Taf kemm hawn tfal madwar id-dinja li m'għandhom lil ħadd min iħobbhom u jieħu ħsiebhom! Ftakar ftit f'dawk it-tfal foqra. Dawn it-tfal lanqas biss jafu x'jiġifieri taqla' rigal għaliex qatt u qatt f'ħajjithom ma kellhom min jagħtihom wieħed," qallu l-papà. John resaq lejn in-nanna Karm u z-zija Doris u għannaqhom waħda kbira. "Aħfruli," qalilhom imbikkem it-tifel. ***(paragrafu 4)***

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ċirku**. *(6 marki)*

1. Din l-istorja hija dwar tifel jismu:
   a. John.
   b. Jimmy.
   ċ. Jason.

2. It-tifel tal-istorja għalaq:
   a. tmien snin.
   b. disa' snin.
   ċ. għaxar snin.

3. John kien qed jiċċelebra għeluq sninu fil-jum:
   a. tal-Erbgħa.
   b. tal-Ġimgħa.
   ċ. tal-Ħadd.

4. Il-ġenituri tiegħu kienu ser jixtrulu
   a. ħwejjeġ.
   b. rota.
   ċ. karozza.

5. In-nanna kien jisimha:
   a. Doris.
   b. Karm.
   ċ. Rina.

6. In-nanna u z-zija xtrawlu
a. ħwejjeġ.
b. rota.
ċ. karozza.

**Ikteb jekk hux Veru jew Falz:** *(4 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| 7. | John ma kienx eċitat minħabba r-rigali. | |
| 8. | Il-papà ta' John kien qiegħed jaqra ktieb. | |
| 9. | In-nanna x'ħin rat lil John imlietu kollu bews. | |
| 10. | L-ewwel rigal li fetaħ John, kien taz-zija Doris. | |

**Wieġeb dawn il-mistqosijiet B'SENTENZI SĦAĦ.** *(2 x 5 = 10 marki)*

6. Fi xħin qam John biex imur għand in-nanna Karm u z-zija Doris? *(par. 2)*

7. Għaliex dendel il-geddum John? *(par. 3)*

8. X'qaltlu biex jagħmel il-mamà? *(par. 4)*

9. F'min qallu biex jiftakar il-papà u għaliex? *(par. 4)*

10. X'taħseb li għandu jagħmel John meta jaqla' xi rigal li ma jogħġbux? (par. 5)



**Taqsima B. - GRAMMATIKA** *(10 marki)*

| | |
|---|---|
| a. | Minn ***paragrafu 1*** sib u ikteb żewġ **nomi propji** ______________________<br><br>______________________ |
| b. | Minn ***paragrafu 1*** sib **nom komuni** ______________________ |
| ċ. | Sib **verb fil-preżent** minn ***paragrafu 2*** ______________________ |
| d. | Minn ***paragrafu 2*** sib il-**kontra** ta' **rqadt** ____________________ |
| e. | Sib u ikteb **aġġettiv** minn ***paragrafu 4*** _______________________ |
| f. | Minn ***paragrafu 4*** sib kelma li tfisser **iddispjaċut** ______________________ |
| ġ. | Ikteb is-singular ta' **rigali** ____________________ |
| g. | Ikteb il-**plural** ta' **nanna** ____________________ |
| għ. | Minn paragrafu 4 sib **pronom mehmuż** _______________________ |

TAQSIMA Ċ. – Il-Kitba

**1. Ikteb lista ta' għaxar affarijiet li <u>tixtieq tagħmel</u> fil-vaganzi tal-Karnival.**




(*10 marki)*

1________________________________________________

2________________________________________________

3________________________________________________

4________________________________________________

5________________________________________________

6________________________________________________

7________________________________________________

8________________________________________________

9________________________________________________

10_______________________________________________

2.**Agħżel WIEĦED minn dawn u b'Malti sabiħ u tajjeb, ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 70 kelma. Aqra l-kliem mogħti fil-parentesi sabiex jgħinek tikteb.**

*(18-il marka)*

**a. Ikteb dwar il-ħabib/a tiegħek.**

*(X'jismu/jisimha l-ħabib/a tiegħek? Kemm għandu/għandha żmien? Iddeskrivi d-dehra tiegħu/tagħha. (kulur tax-xagħar, kulur tal-għajnejn) Xi jħobb jagħmel?/ tagħmel? Fejn tafu/tafha u kemm ilek tafu/tafha? Xi tħobbu tagħmlu flimkien?)*

**b. Immaġina li inti saħħar/a**

*(Ikteb dwar il-ħajja tiegħek bħala saħħar/a. X'tip ta' saħħar/a inti? Fejn tgħix? Ma' min tgħix? Kif tqatta' l-ġurnata tiegħek? X'tip ta' sħarijiet tagħmel? X'tuża biex tagħmel is-sħarijiet? Ġieli għamilt xi ħaġa stramba? Togħġbok din il-ħajja? Għaliex?)*

**ċ. <u>Ġurnata l-baħar</u>. Ħares lejn dawn l-istampi u rrakkonta storja fuq dak li ġara.**

*(Min huma? Xi staġun kien? Kif kien it-temp? Fejn kienu sejrin? X'għamlu flimkien? X'kielu? Kif ħassewhom? Kif spiċċat l-istorja?)*



Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-istorja tiegħek.

(2 marki)

Ikteb it-titlu li għażilt: ________________________________ *(18-il marka)*

--------------- TMIEM ---------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Grammatika | 5 | |
| Vokabularju | 4 | |
| Punteġġjatura | 4 | |
| **Total** | | |